# Vjaġġ ta' seħer Malti fil-Belġju




Grupp teatrali għal persuni b'diżabbiltà fit-tagħlim imwaqqaf mill-Kavallier ta' San Ġakbu Ċentru għall-kreattività ħa sehem b'suċċess f'festival fil-Belġju.

Matul iż-żjara ta' erbat ijiem, il-grupp ipparteċipa fi programm ta' taħriġ teatrali, tella' l-ispettaklu preparat mill-parteċipanti stess u żar il-belt ta' Brussell waqt li kien hemm ukoll ħin għall-bowling, disco u ġelat Belġjan.

Il-parteċipanti Maltin ħolqu vjaġġ imsaħħar b'narrativa ta' mima li tgħallmu permezz tal-proġett.

Din iż-żjara saret bħala parti minn proġett ta' sentejn bl-isem ta' Opening Doors ma' Headway Theatre mir-Renju Unit u Leopoldsburg CC mill-Belġju b'finanzjament mill-programm Grundtvig tal-Unjoni Ewropea.

Dan il-proġett tfassal biex jinħolqu opportunitajiet lil persuni b'diffikultajiet fit-tagħlim fil-qasam tal-kultura u kreattività. Il-proġett serva wkoll biex jitwassal messaġġ pożittiv dwar id-diffikultajiet fit-tagħlim waqt li jsaħħaħ il-kontribut li huma jistgħu jagħtu lill-komunità. Din l-esperjenza qiegħda wkoll tiffaċilita l-qsim ta' ideat ma' diversi persuni oħra minn madwar l-Ewropa, u tippermetti li jkun hemm iktar mobbiltà f'ambjent indipendenti.

Il-grupp ilu jitħarreġ għal aktar minn sena minn Louise Ghirlando bl-għajnuna ta' voluntiera ddedikati. Ghirlando qalet li "għalkemm kull pajjiż żviluppa proċess ta' taħriġ differenti, fuq il-palk l-atturi kollha nexxielhom jaqsmu lingwa artistika waħda, ibbażata fuq oġġetti komuni mfassla waqt l-ewwel laqgħa tal-għalliema li saret f'Malta ftit xhur ilu".

Il-proġett f'Malta għen biex għall-ewwel darba fil-pajjiż jitwaqqaf grupp teatrali għal adulti b'diżabbiltà fit-tagħlim u bħalissa qed iħarreġ 15-il parteċipant. Il-proġett qiegħed jgħaqqad ukoll 50 parteċipant f'taħriġ u tmien għalliema minn tliet pajjiżi li lkoll ħadu sehem f'festivals organizzati f'kull pajjiż.

Michael Fenech, iċ-chairman tal-Kavallier ta' San Ġakbu, qal li dan il-proġett jirrifletti l-filosofija tal-Fondazzjoni biex toħloq opportunitajiet kreattivi għal kulħadd.

"Aħna rridu nassiguraw li proġetti bħal Opening Doors li jħallu impatt kbir ikomplu jiżviluppaw. Għalkemm dan il-proġett Ewropew wasal fit-tmiem tiegħu diġà qed isir xogħol biex il-grupp jibqa' għaddej bil-programm ta' taħriġ," tenna Fenech.

Iżda biex jitkompla t-taħriġ professjonali u biex il-grupp ikollu aktar riżorsi għal proġetti ġodda, il-Kavallier ta' San Ġakbu qiegħed fil-proċess li jikseb aktar fondi permezz ta'għajnuna pubblika u privata.

*Għal aktar informazzjoni żur http://www.grundtvigopeningdoors.blogspot.com/*

# It-tieni album ta' Tribali



'The Elephants of Lanka' hu t-tieni album ta' Tribali wara li kien tnieda l-ewwel wieħed fl-2006. Minn dak iż-żmien 'l hawn laħqu żaru Glastonbury u The Blues Festival fl-Awstralja.

Il-band bdiet taħdem fuq dan l-album minn Ottubru li għadda u ħadmet fuq xogħlijiet li fihom aktar enerġija u mużika aktar varjata.

Peter Paul minn Tribali qal: "Dan kien vjaġġ inkredibbli għalina lkoll u r-riżultat mar lil hinn milli stennejna. Nirringrazzajaw lil dawk kollha li ħadmu fuq dan l-album b'xi mod jew ieħor iżda aktar minn hekk nirringrazzjaw lil dawk kollha li appoġġawna matul is-snin."

L-ewwel kunċert li se jagħtu Tribali se jkun fit-23 ta' Mejju f'Earth Garden.

L-album jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet kollha tal-Exotique, D'Amato, Aw Tribu u minn www.Jaggedhouse.com. Għal aktar tagħrif żur www.tribalimusic.com.

# L-iżvilupp sostenibbli fuq livell lokali

L-Unjoni Ewropea ilha numru ta' snin tisħaq fuq l-importanza li l-iżvilupp ekonomiku u soċjali għandu jkun sostenibbli, jiġifieri waqt li jitjieb il-livell tal-għixien ma neqirdux l-ambjent jew naħlu riżorsi li bihom nipperikolaw il-futur tagħna.

Għalhekk l-UE qed tisħaq ħafna fuq l-importanza li t-tkabbir ekonomiku m'għandux ifisser dejjem użu ta' iktar riżorsi u ħsara għall-ambjent. Fil-fatt fir-rapporti tagħha dwar l-iżvilupp sostenibbli l-Unjoni tinnota ż-żidiet fl-ammont ta' riżorsi li qed jintużaw.

Fil-ġimgħat li għaddew il-MEUSAC rebaħ għotja ta' €19,441 għal proġett dwar is-sostenibbiltà. Dawn il-fondi ntrebħu mingħand id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għaż-żgħażagħ, l-isport u ċ-ċittadinanza taħt il-programm L-Ewropa għaċ-Ċittadin (2007-2013).

Il-proġett jinvolvi l-organizzazzjoni ta' konferenza ta' tlett ijiem dwar is-sostenibbiltà — Zooming on Sustainability — li tinvolvi l-parteċipazzjoni ta' diversi kunsilli lokali u rappreżentanti ta' rħula minn seba' pajjiżi. B'kollox se jkun hemm iktar minn 150 parteċipant mill-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja, l-Olanda, ir-Renju Unit, Spanja u Malta. Din il-konferenza ser issir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju.

Il-parteċipanti se jiddiskutu t-tema tas-sostenibbiltà u l-importanza li jkun hemm ċittadini attivi biex l-istil ta' ħajjitna tassew isir wieħed sostenibbli. Il-kunċett ta' sostenibbiltà se jiġi diskuss fi tliet workshops li jitħaddu tliet temi differenti: is-sostenibbiltà fl-ambjent li tinkludi l-agrikoltura sostenibbli, l-agrituriżmu, l-enerġija nadifa u l-immaniġġar tal-iskart; is-sostenibbiltà kulturali u s-sostenibbiltà soċjo-ekonomika.

L-UE tagħti importanza kbira lill-kunċett ta' sostenibbiltà anke minħabba t-tip ta' żvilupp li l-Ewropa għaddejja minnu. L-Ewropa trid li ssir trasformazzjoni fit-tip ta' żvilupp li jsir anki fil-bqija tad-dinja, iktar u iktar peress li studji juru li bil-pass preżenti l-konsum tal-enerġija se jirdoppja sal-2050, b'konsegwenzi drammatiċi fuq il-klima u anki fuq il-kapaċità tad-dinja tagħna li tmantni din ir-rata ta' konsum.

L-Ewropa tara li s-sostenibbiltà, waqt li għandha tingħata appoġġ fuq il-livelli nazzjonali u internazzjonali, għandha wkoll tingħata importanza fuq livell lokali u personali.

Għalhekk kull ċittadin għandu rwol importanti fil-kontroll ta' dawn l-emissjonijiet u possibbilment fit-tnaqqis tagħhom. Kull sforz jgħodd anki jekk wieħed jagħmel car pooling jew juża t-trasport pubbliku jew jimxi jekk ikollu xi qadja fil-viċin. Hemm diversi bliet fl-Ewropa, fosthom fi Franza u l-Ġermanja, li daħħlu skemi fejn iċ-ċittadini jistgħu jikru rota għal ġurnata.

L-UE tħeġġeġ lil kull persuna biex tieħu azzjoni biex il-konsum tagħha ma jkunx ta' theddida għall-futur. Għaldaqstant il-konferenza li se tiġi organizzata mill-MEUSAC għandha wkoll l-għan li tgħin biex jitwaqqaf network fuq livell Ewropew li jgħin lil dawk li qed jipparteċipaw biex jikkontribwixxu b'mod iktar effettiv.





Apply Online

now you can apply for a BOV Card at www.bov.com

2131 2020

Credit Cards are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and Conditions apply.
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV Bank of Valletta
your Success, our Goal